MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2105/2003

**Aquatess Limited**

**vs**

**Marvin Mckay**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tliet mija u tmien liri Maltin (Lm308.00) bilanc ta' somma rapprezenanti cheques li ma gewx imsarrfa, skond Dokument 'A' anness mal-Avviz.

Bl-ispejjez nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Otturbru 2002, u bl-imghax ta' 8% fuq tliet mija u tmien liri Maltin (Lm308.00) mit-28 ta' Ottubru 2002 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tliet mija u tmien liri Maltin (Lm308.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Ottubru 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mill- konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------